MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2406/2002

**Anna Galdes, armla ta' Carmelo Galdes, f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri bintha Annalise Galdes u Michael John Galdes**

**vs**

**Carmelo sive Charles Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici pro et nomine s-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm285.99) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni LAB 364 u spejjes konnessi ma' kiri ta' karozza liema danni gew kagunati f'incident awtomobilistiku li gara fil-15 ta' April 2001, f'Hal Farrug, Luqa bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAR 372 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAB 364 misjuqa minn Carmelo Galdes,

illum mejjet, u liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-egolamenti tat-traffiku da parti tieghu kif jirrizulta wkoll minn dikjarazzjoni dwar l-incident relattiv (Dok. G).
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malata, u bl-imghax minn din id-data kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-mejjet Carmelo Galdes minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta huwa rriversja l-vettura tieghu u baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-konvenut.

Ra t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn huwa talab li l-attrici tigi kkundannata thallsu s-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm365.00) rapprezentanti danni misjuqa fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAR 372 misjuqa mill-konvenut liema danni gew ikkagunati f'incident awtomobilistiku tal-15 ta' April 2001 bejn il-vettura KAR 372 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru LAB 364 misjuqa mill-llum mejjet Carmelo Galdes, liema ncident sehh minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
Bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda tal-attrici, ta' Frank Bartolo, ta' PS 947 Adrian Paul Vella, u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku kemm xejn anomalu li sehh fil-15 ta' April 2001, f'Hal-Farrug, Hal-Luqa bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAB 364

misjuqa minn Carmelo Galdes, illum mejjet, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAR 372 misjuqa mill-konvenut. Mix-xhieda tal-attrici, li hija mart Carmelo Galdes, irrizulta li zewgha kien qed jghabbi xi tankijiet tal-ilma minn ghalqa fil-lokalita' msemmija. Huwa kellu l-vann parkeggjat , bil-bibien ta' wara miftuhin u b'tank wiehed diga' mghobbi fil-vann, meta giet il-vettura tal-konvenut li baqghet diehla fih minn wara u sussegwentement nizel il-konvenut mill-vettura tieghu, hebb ghalih u kkawzalu feriti ta' natura hafifa. Din il-verzjoni, li hija ammissibbli bhala xhieda minhabba l-fatt li Carmelo Galdes huwa llum mejjet u ghalhekk ma jistghax jixhed, hija identika ghal dik riportata fir-rapport tal-pulizija ( a fol. 37 et seq.) u cioe' ghal dak li qal Carmelo Galdes li Pulizija ''a tempo vergine'. Il-konvenut min-naha l-ohra jinsisti li Galdes irreversja ghal fuq il-vettura tieghu. Il-konvenut jghid li t-tankijiet li kien qed jiehu Galdes kienu propjeta' tieghu u li diga' kien sab xi tankijiet neqsin fil-granet precedenti. Huwa jammetti li kien pjuttost vjolenti fil-konfront ta' Galdes izda jghid ukoll li meta wasal fuq il-post huwa pparkeggja l-vettura tieghu wara dik ta' Galdes, nizel mill-vettura tieghu, ikkonfronta lill-Galdes u meta ghamel hekk, dan tal-ahhar kien pront u qabad u dahal fil-vettura tieghu u rriversja ghal fuqu. Il-konvenut jghid li huwa mar fuq Galdes, gibdu l-barra mill-vettura u garru lejn l-Ghassa tal-Pulizija.

Illi l-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija mill-attrici, u cioe' kif irrakkontahilha zewgha, hija korroborata mix-xhieda ta' Frank Bartolo. Dan ix-xhud jghid li huwa nzerta kien fuq il-post tal-incident u ra lill-konvenut jibqa' diehel fil-vettura ta' Galdes. Il-konvenut jirritjeni li x-xhieda ta' Bartolo ghandha tigi skartata minhabba l-fatt li dan ix-xhud kien pjuttost riluttanti li jispjega x'kien qed jaghmel f'post disabitat f'dak il-hin. It-Tribunal izda huwa tal-fehma li din ir-riluttanza ma taffetwax il-kredibilita' ta' dan ix-xhud dwar dak li ra qed isir specjalment meta wiehed jikkunsidra li huwa m'ghandu ebda konnessjoni mal-attrici u nzerta gharaf lil Carmelo Galdes ghaliex gieli kien xtara xi hobz minghandu.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni dwar kif sehh l-incident moghtija minn Carmelo Galdes hija hafna aktar verosimili minn dik moghtija mill-konvenut u dan anki ghaliex il-hsara riportata fiz-zewg vetturi tkompi tikkorobora l-verzjoni moghtija minn Galdes. Il-konvenut probabilment kellu ragun li jkun irrabjat ghaliex Galdes kien qed jehodlu t-tankijiet minn fuq il-propjeta’ tieghu izda huwa xorta wahda ma setghax jiehu l-ligi b’idejh u volontarjament jikkawza hsara fil-vettura ta’ Carmelo Galdes.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-15 ta’ April 2001 u ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-agir tieghu.

Illi l-kwantum tad-danni reklamati mill-attrici bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-attrici produciet l-ircevuti relattivi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-koonvenut, u filwaqt li jichad it-talba rikonvenzjonali tal-istess konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici proprio et nomine s-somma ta’ mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm285.99), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------